# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d

## Seduta ta' nhar il-Gimgha, 1 ta' Lulju, 2016

**Talba Nru:** 59/16 DMA

**Marthese D'Amato**
**(ID. 80974(M))**

**Vs**

**Jason Scicluna**
**(ID. 154874(M))**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-25 ta' Frar, 2016 fejn l-attrici talbet tikkundanna l-intimat ihallas is-somma ta' elf u mitejn ewro (€1,200) rapprezentanti nofs l-ispejjez tas-sahha u tal-edukazzjoni dovuta minnu favor l-esponenti bhala hlas ta' manteniment tat-tlett ulied taghhom minuri u dan skond l-anness att ta' separazzjoni mmarkat Dok A.

Minkejja diversi interpellazzjonijiet, dan baqa' inadempjanti ghall-hlas.

Bl-ispejjez inkluz il-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment.

Il-konvenut debitament notifikat pprezenta risposta fit-3 ta' Mejju, 2016 fejn eccepixxa:

1. Illi l-ammont mitlub mill-attur mhuwiex dovut mill-esponenti kif ser jirrizulta fil-mori tal-kawza;
2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talba attrici hi nfondata fil-fatt u fid-dritt;
3. Salv eccezzjonijiet ohra.

Illi fit-8 ta' Gunju, 2016 t-talba attrici giet ridotta ghal disa' mija u sebgha u disghin ewro u hamsin centezmu (€997.50).

It-Tribunal wara li semgha z-zewg partijiet, ra d-dokumenti pprezentati u semgha x-xhieda li gew mressqa huwa konvint illi l-ammont mitlub mill-attrici huwa dovut fl-intier tieghu kif mitlub fin-nota ta' riduzzjoni.

Ghalhekk, jikkundanna lill konvenut ihallas l-ammont ta' disa' mija u sebgha u disghin ewro u hamsin centezmu (€997.50) lill-attrici.

Bl-imghax legali mad-data tal-prezentata sad-data tal-pagament effettiv.

Spejjez tal-kawza a karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**
**Gudikatur**